

# Rapport Annwali

2018

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb



# Rapport Annwali
2018

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Rapport Annwali




Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2019 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Librerija Pubblika Ċentrali, Triq Prof. J. Mangion, il-Furjana, FRN1800
ktieb.org.mt

Stampat: Gutenberg Press

Disinn: Moira Scicluna Zahra

Copyright tat-test © Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Copyright tar-ritratti © Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-99957-939-2-0 Rapport Annwali 2018 (digital - e-book format)

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni huma miżmuma mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
Dan il-ktieb qed jitqassam bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ. Ma jistax jinsilef, jinbiegħ jew jingħata b'xejn f 'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir l-ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-kunsens tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

# Werrej

| | |
|---|---|
| MESSAĠĠ MILL-KAP EŻEKUTTIV | 7 |
| IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB | 10 |
| IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB | 14 |
| THE LONDON BOOK FAIR | 16 |
| IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS | 18 |
| XOGĦOL AWDJOVIŻIV | 20 |
| KONKORS TA' KITBA LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ | 22 |
| VJAĠĠI TA' XOGĦOL U XOGĦOL INTERNAZZJONALI | 24 |
| INIZJATTIVI OĦRA | 26 |
| RAPPORT FINANZJARJU | 29 |
| ISBN U ISMN | 31 |
| JEDDIJIET TAS-SELF PUBBLIKU | 60 |



# Dwarna

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa entità pubblika u awtonoma komposta minn pubblikaturi u awturi li tipprovdi bosta servizzi importanti lill-industrija Maltija tal-ktieb. Filwaqt li nħeġġu l-qari u nippromwovu l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-għamliet kollha tiegħu, noffru bosta servizzi importanti, li jinkludu l-organizzazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jamministra wkoll il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku, jippromwovi u jesporta l-letteratura Maltija barra minn Malta, jorganizza bosta konkorsi letterarji u attivitajiet, imexxi programmi kulturali fuq it-televiżjoni, u huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN. Il-Kunsill jaġixxi wkoll bħala entità li tirrappreżenta l-interessi tal-awturi u l-pubblikaturi b'mod speċjali fejn jidħol it-tfassil tal-politika tal-Istat.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jaqa' taħt il-mandat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Madankollu, naġixxu u nwettqu x-xogħol tagħna b'mod awtonomu. Mis-sena 2018, il-Kunsill ingħata l-istatut ta' entità legali bil-privileġġi kollha li din iġġib magħha.

**www.ktieb.org.mt**

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hu magħmul minn:**

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Deputat Kap*
Norbert Bugeja

*Maniġer*
Simona Cassano

*Maniġer - Avvenimenti u drittijiet ta' barra*
Matthew Borg

*Segretarju*
Joe Debattista

*Assistent Segretarju*
Michael Mercieca

*Membri tal-Kunsill*
Aleks Farrugia
Jean Paul Borg
Norbert Bugeja
Maria Brown
Audrey Friggieri
Chris Grupetta
Antoinette Borg
Leanne Ellul


**Indirizz**
Il-Kunsill Nazionali tal-Ktieb,
il-Librerija Ċentrali Pubblika,
Triq Prof. J. Mangion,
il-Furjana, FRN1800
Malta (UE)

**Telefown**
+35627131574 / +35627300672

**Imejls**
simona.cassano@ktieb.org.mt
matthew.borg@ktieb.org.mt
joe.debattista@gov.mt
michael.mercieca@gov.mt


# Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv



L-2018 għalqet sena konsekuttiva oħra ta' żvilupp għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li rat żieda addizzjonali fil-finanzjament tal-Gvern, u servizzi u proġetti ġodda taħt il-mandat tagħna. Bil-miri l-ġodda kollha u kompiti addizzjonali, din kienet waħda mill-aktar snin ta' sfida.

L-2018 għalqet sena konsekuttiva oħra ta' żvilupp għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li rat żieda addizzjonali fil-finanzjament tal-Gvern, u servizzi u proġetti ġodda taħt il-mandat tagħna. Bil-miri l-ġodda kollha u kompiti addizzjonali, din kienet waħda mill-aktar snin ta' sfida.

Għall-ewwel darba f'Malta, f'Settembru, flimkien mal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN, organizzajna l-laqgħa ġenerali annwali tal-ISBN u l-ISMN. 72 delegat li kienu qed jirrappreżentaw 49 aġenzija differenti tal-ISBN madwar id-dinja attendew għall-konferenza. Li tospita dan l-avveniment prestiġjuż u importanti kienet esperjenza tajba ferm, li rnexxiet ħafna u serviet bħala mezz eċċellenti biex tikkontribwixxi sabiex pajjiżna jitpoġġa fuq il-mappa internazzjonali tal-industrija tal-kotba.

L-itqal sfida matul is-sena kienet li jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni li għamilna fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Swali separati ġew allokati lill-pubblikaturi u lill-bejjiegħa tal-kotba, u peress li rduppjajna l-ispazju tal-wirja meta mqabbel mas-sena li għaddiet, dan ħolqilna l-isfida li nżidu b'mod esponenzjali r-rati tal-attendenza. Il-biċċa l-kbira tal-miri tagħna ntlaħqu, speċjalment għaliex għal darb'oħra lħaqna rekords fil-bejgħ u rajna żieda fir-rati ta' attendenza. B'mod partikolari, in-numru ta' skejjel u studenti li attendew il-Festival din is-sena kiber b'mod sinjifikanti. L-espansjoni tal-ispazju għall-wiri kienet possibbli biss grazzi għaż-żieda konsiderevoli fil-finanzjament tal-Gvern. Dan kien rekwiżit neċessarju bħala parti mill-impenn tagħna li nkomplu nkabbru l-Festival bħala sors ta' dħul għall-pubblikaturi - biex b'hekk jikkompensa għat-telf tal-bejgħ tal-ħwienet tal-kotba.

Is-sena 2018 rat firxa ikbar tal-isforzi promozzjonali u letterarji tagħna għall-esportazzjoni barra minn Malta, partikolarment fl-Ewropa u fir-reġjun Għarbi. Parti importanti mix-xogħol tagħna huwa li naġixxu bħala sensara fil-ftehim ta' pubblikazzjoni u li nipprovdu fondi għat-traduzzjoni, kif ukoll niffaċilitaw il-finanzjament għall-esportazzjoni diretta, ngħidu aħna billi l-awturi jintbagħtu barra minn



Malta biex jattendu festivals u fieri tal-kotba. Pubblikaturi barranin li jippubblikaw letteratura tradotta għall-Malti huma wkoll appoġġjati b'diversi modi. Ngħidu aħna, fondi ta' traduzzjoni huma allokati kull sena għal diversi proġetti, u fl-2018 ikkummissjonajna tliet traduzzjonijiet lingwistiċi differenti (Għarbi, Taljan u Ingliż) tax-xogħlijiet tal-poeta nazzjonali Dun Karm. It-tiftixa għal tradutturi professjonali mill-Malti għal lingwi oħra tista' tkun diffiċli ħafna, imma qed naħdmu biex nikkummissjonaw żewġ traduzzjonijiet oħra sabiex nilħqu l-obbligu tal-manifest elettorali tal-Gvern li jittraduċi lil Dun Karm f'total ta' ħames lingwi differenti.

**Aktar proġetti u sfidi akbar qed jistennewna. Minbarra li nsaħħu l-ħidma domestika tagħna, għandna l-intenzjoni li nżidu l-ħidma tagħna barra minn Malta. L-industrija tal-kotba lokali qed tiffaċċja diversi sfidi, imma l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qatt ma kellu rwol daqshekk ewlieni.**

Din is-sena żidna wkoll l-ħlasijiet tad-jeddijiet tas-self pubbliku u llimitajna l-ammont massimu għal €5,000 biex niżguraw li jkun hemm aktar valur fid-distribuzzjoni. Il-premjijiet fi flus għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb żdiedu wkoll, u l-għan tagħna huwa li nkomplu nsaħħuhom aktar fl-2019, għaliex napprezzaw ix-xogħol tal-awturi tagħna u l-ħtieġa tagħhom li eventwalment jirnexxilhom jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-kitba u l-bejgħ tal-kotba. Il-finanzjament pubbliku u aktar koordinazzjoni strateġika mal-imsieħba fl-industrija tal-kotba huma mezz biex jgħin iż-żieda fid-dħul, u aħna żgurajna li l-ħidma tagħna ma' awturi u pubblikaturi f'oqsma varji tkun intensifikata progressivament.

Skont l-avviż legali ppubblikat fl-2017, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bħala entità rappreżentattiva tal-imsieħba fl-industrija tal-pubblikazzjoni kien obbligat li jagħmel laqgħat ta' konsultazzjoni annwali ma' awturi u pubblikaturi. Il-laqgħat saru għall-ewwel darba fl-2018 u kellhom suċċess u kienu produttivi. Aħna ħerqana għal-laqgħat tal-2019, fejn nistennew aktar pubblikaturi u awturi jattendu sabiex iressqu t-talbiet kif ukoll jesprimu t-tħassib tagħhom.

Bdejna wkoll il-preparamenti għar-rinovazzjoni tal-palazz barokk tas-seklu sittax li ngħata lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mill-Gvern. Il-palazz se jservi bħala mużew tal-letteratura, ħanut tal-kotba li jservi bħala aġent kulturali, kif ukoll l-uffiċċju prinċipali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Ix-xogħlijiet tal-palazz se jibdew is-sena d-dieħla wara li l-pjanijiet ta' restawr u l-proċess ta' sejħiet għall-offerti jitlestew u jiġu approvati. Il-pjanijiet tagħna biex nerġgħu nġibu l-palazz fl-istat oriġinali tiegħu kellhom jinbidlu, minħabba ostaklu li ltqajna miegħu meta kellhom jitfasslu pjanijiet ġodda billi l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-ġar il-ġdid tagħna, irrifjuta li jittrasferixxi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb il-parti tal-era Ingliża fuq is-saqaf tal-palazz tagħna: dan jgħaqqad il-bini tagħhom mal-palazz tagħna, imma fil-fatt jappartjeni lilna.

Żammejna l-proġetti awdjoviżivi tagħna għaddejjin matul is-sena bi programm tar-radju fuq Radju Malta u programm ta' ħames minuti fuq TVM imxandar kull ġimgħa. Eventwalment, PBS waqqaf il-programm fuq TVM u tana għaxar minuti kuljum fuq TVM2. Il-prijoritajiet ekonomiċi jistgħu jwassluna li nwaqqfu l-programm fuq TVM2 (speċjalment peress li TVM2 igawdi numru ta' telespettaturi baxx ħafna skont ir-rapport tal-Awtorità tax-Xandir), imma qed naħsbu biex inniedu prodott kompletament ġdid fl-2019. Fil-fatt qed nippjanaw li nkomplu nipproduċu xogħol awdjoviżiv biex nippromwovu l-awturi għax-xandir kummerċjali u pubbliku, imma għandna l-ħsieb ukoll li nkomplu nespandu l-proġetti tagħna tal-films ibbażati fuq il-letteratura. Sal-lum il-Konkors Letterarju ta' Films Qosra tal-KNK kien suċċess kbir u l-films rebbieħa kollha pparteċipaw f'festivals barra minn Malta.

It-tkabbir fin-numru ta' impjegati (staff amministrattiv u maniġerjali) baqa' konservattiv meta mqabbel mal-2017, iżda tim akbar huwa prijorità anki jekk il-Gvern ċentrali mhux qed ikun miftuħ ħafna lejn t-talbiet tagħna għal aktar riżorsi umani. Il-finanzjament pubbliku għall-proġetti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-2019 se jilħaq l-ammont rekord ta' aktar minn €910,000 (esklużi x-xogħlijiet ta' restawr tal-palazz). L-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-Gvern lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa s-siġill ta' approvazzjoni tal-Gvern għas-suċċess ta' xogħolna.

Konna wkoll impenjati ħafna minħabba l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur fid-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali, u ħabrikna favur l-awturi fir-rigward tal-Artiklu 12, u anki favur l-awturi u l-pubblikaturi fir-rigward tal-Artikli 11 u 13. Konna l-ewwel Stat Membru tal-UE li beda dibattitu ta' kompromess dwar l-Artiklu 12 fuq il-livell tal-Kunsill tal-UE, u nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lill-Gvern ċentrali talli appoġġja l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-pożizzjonijiet kollha tiegħu u talli wassalhom b'suċċess matul id-diskussjonijiet tal-Kunsill tal-UE.

Qed nistennew bil-ħerqa l-2019. Aktar proġetti u sfidi akbar qed jistennewna. Minbarra li nsaħħu l-ħidma domestika tagħna, għandna l-intenzjoni li nżidu l-ħidma tagħna barra minn Malta. L-industrija tal-kotba lokali qed tiffaċċja diversi sfidi, imma l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qatt ma kellu rwol daqshekk ewlieni. Se nkomplu naħdmu lejn l-għanijiet tagħna u nsegwu l-viżjoni tagħna, filwaqt li nibqgħu umli, aċċessibbli u trasparenti.







# Il-Premju Nazzjonali Tal-Ktieb

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-ogħla premju letterarju assenjat lil awturi, pubblikaturi u illustraturi għal xogħol ippubblikat lokalment is-sena ta' qabel. It-titli finalisti u t-titli rebbieħa fis-seba' kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u s-sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka huma magħżula minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti sabiex ikun hemm l-ogħla grad ta' trasparenza u ġustizzja.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kif ukoll il-pubblikaturi u l-awturi nfushom, kollha komplew jikkontribwixxu dejjem aktar biex ix-xena letterarja Maltija u l-industrija tal-pubblikazzjoni tkompli tikber u tkompli tirnexxi. L-għadd kbir ta' sottomissjonijiet li kien hemm din is-sena għal darb'oħra juri li r-riformi fis-sistema ta' ġudizzju, kriterji u regoli ta' parteċipazzjoni fl-aħħar ftit snin kellhom l-effett mixtieq li jżidu mal-prestiġju tal-Premju u jinkoraġġixxu aktar awturi jissottomettu x-xogħol tagħhom għall-evalwazzjoni.

Bil-kategoriji u l-kriterji aġġornati għal livell sodisfaċenti, il-KNK qiegħed jimplimenta programm ta' promozzjoni tat-titli rebbieħa wara l-Premju, kemm lokalment (pereżempju permezz ta' donazzjonijiet ta' kotba) kif ukoll internazzjonalment (billi jippromwovi titli Maltin barra minn Malta u jiffinanzja t-traduzzjoni tagħhom).

Il-kotba rebbieħa għall-2018 tħabbru fit-30 ta' Novembru, u l-awturi rċevew il-premjijiet mis-Segretarju Parlamentari Clifton Grima. Il-Premju prestiġjuż għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba ngħata lil Lilian Sciberras, filwaqt li l-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti ngħata lil Antoinette Borg.

Ir-rebbieħa fil-kategorija 'Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż' kienet Loranne Vella, li rebħet il-premju bir-rumanz fantaxjentifiku tagħha *Rokit*, ippubblikat minn Merlin Publishers. Antoine Cassar rebaħ l-ewwel premju fil-poeżija bil-ġabra tiegħu *Erbgħin Jum* (EDE Books). It-titlu rebbieħ fil-kategorija 'Riċerka Ġenerali' kien *Curtain Up!* ta' Paul Xuereb, ippubblikat minn Midsea Books, filwaqt li *Sal-Quċċata tal-Everest* ta' Marco Cremona u Glen Calleja (Merlin Publishers), u *Kollni Kemm Jien Għalikom: Il-Ħajja Mqanqla ta' Mikiel Gonzi u Żminijietna (1885-1984)* ta' Louis Cilia (Klabb Kotba Maltin), it-tnejn rebħu l-premju fil-kategorija 'Riċerka Bijografika u Storjografika'. L-aħħar u mhux l-inqas, *A Visual Guide to the Fortifications of Malta* ta' Stephen C. Spiteri, u ppubblikat minn BDL, rebaħ fil-kategorija 'L-Aqwa Produzzjoni ta' Ktieb'.

Fl-2018 il-premjijiet fi flus għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb żdiedu, u l-għan tagħna huwa li nkomplu nkabbruhom aktar fl-2019.

Bil-kategoriji u l-kriterji aġġornati għal livell sodisfaċenti, il-KNK qiegħed jimplimenta programm ta' promozzjoni tat-titli rebbieħa wara l-Premju



## Rebbieħa tal-
## Premju Terramaxka 2018

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (0–7)**
*Mamà, allura din imħabba?* ta' Moira Scicluna Zahra u Mark Scicluna (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (8–12)**
*Jissokta l-każ tal-aħwa Saver u Ludmilla Demolizz* a' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (13–16)**
*Jarmuk* ta' Stephen Lughermo (Horizons Communications Ltd.)

**Kategorija: xogħlijiet tradotti (0–7)**
*Magni taż-żmien* ta' Claudia Gauci (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet tradotti (8–12)**
*Il-kulleġġ għall-prinċpijiet perfetti* ta' Noel Tanti (Merlin Publishers)

**Kategorija: Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb**
Merlin Publishers bil-ktieb *Mamà, allura din imħabba?* ta' Moira Scicluna Zahra u Mark Scicluna

## Rebbieħa tal-
## Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2018

**Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż**
*Rokit* ta' Loranne Vella (Merlin Publishers)

**Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż**
*Erbgħin jum* ta' Antoine Cassar (Ede Books)

**Riċerka ta' Natura Ġenerali**
*Curtain Up!* ta' Paul Xuereb (Midsea Books)

**Riċerka ta' Natura Bijografika u Storjografika**
*"Kollni kemm jien għalikom": il-ħajja mqanqla ta' Mikiel Gonzi u żminijietna (1885-1984)* ta' Louis Cilia (Klabb Kotba Maltin)

*Sal-quċċata tal-Everest* ta' Marco Cremona u Glenn Calleja (Merlin Publishers)

**Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb**
Book Distributors Limited bil-ktieb *A Visual Guide to the Fortifications of Malta* ta' Stephen C. Spiteri

**Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti**
Antoinette Borg

**Il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba**
Lillian Sciberras



Titli finalisti għall-2018

# Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka

## IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2018

### Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż

*Ir-rota daret dawra (kważi) sħiħa* ta' Nadia Mifsud (Merlin Publishers)
*Kapitali* ta' Wayne Flask (Merlin Publishers)
*Rokit* ta' Loranne Vella (Merlin Publishers)
*Love in the Time of the Inquisition* ta' Lou Drofenik (Horizons Communications Ltd.)
*It-Tawmaturgu: Il-Ħmura ta' Filgħaxija* ta' Mark Anthony Fenech (Horizons Communications Ltd.)
*L-Iżvijati* ta' Walid Nabhan (Midsea Books/Klabb Kotba Maltin)
*Thabbat Xtaqtek: Djarju mill-Eremitaġġ* ta' Gioele Galea (Horizons Communications Ltd.)
*It-Taàr: Distopja, l-ewwel ktieb* ta' John A. Bonello (Serafin Books)

### Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż

*Ġenesi: Poeżiji 2007-2016* ta' Achille Mizzi (Horizons Communications Ltd.)
*Xewqat tal-Passa: Poeżiji 2008-2016* ta' John P. Portelli (Horizons Communications Ltd.)
*Erbgħin Jum* ta' Antoine Cassar (Ede Books)

### Riċerka Ġenerali

*Woven Splendour: The Tapestries of the Conventual Church of the Knights of Malta* ta' Cynthia de Giorgio (Midsea Books/Klabb Kotba Maltin)
*Birds of the Maltese Islands (Nature Guide Series)* ta' Natalino Fenech (Book Distributors Limited)
*Gozo and the Grand Tour* ta' Thomas Freller (Midsea Books / Klabb Kotba Maltin)
*Kaxxa infernali: dizzjunarju tal-logħob tan-nar b'iktar minn 1200 terminu* ta' Carlston Grima (Midsea Books / Klabb Kotba Maltin)
*Spiritual Direction with the Divine Milieu: Insights of Pierre Teilhard de Chardin* ta' Mary Anne Sultana
*Curtain Up!* ta' Paul Xuereb (Midsea Books/Klabb Kotba Maltin)

### Riċerka Bijografika u Storjografika

*L-istorja tal-Partit Laburista* ta' Francis Galea (SKS Publications)
*Ritratti ta' tfuliti* ta' Reno Muscat (Faraxa Publishing)
*"Kollni kemm jien għalikom": il-ħajja mqanqla ta' Mikiel Gonzi u żminijietna (1885-1984)* ta' Louis Cilia (Midsea Books / Klabb Kotba Maltin)
*A Visual Guide to the Fortifications of Malta* ta' Stephen C. Spiteri (Book Distributors Limited)
*Minn fomm il-poplu* ta' Guido Lanfranco (Midsea Books / Klabb Kotba Maltin)
*Il-Maltin: għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom: L-ewwel volum* ta' Steve Borg (Midsea Books/Klabb Kotba Maltin)
*Sal-quċċata tal-Everest* ta' Marco Cremona u Glenn Calleja (Merlin Publishers)
*Birżebbuġa... storja u kultura* ta' Conrad D'Amato u Matthew Balzan (Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa)

PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2018

## IL-PREMJU TERRAMAXKA 2018

### Kategorija: xogħlijiet oriġinali (0–7)

*Imeldina u l-uċuħ* ta' Sandra Hili Vassallo (Merlin Publishers)
*Ġanni jżur Londra* ta' Sherise Zammit (Merlin Publishers)
*Is-Sinjura Klaws* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*Mamà, allura din imħabba?* ta' Moira Scicluna Zahra u Mark Scicluna (Merlin Publishers)
*Dar ġdida għal Ġużi* ta' Clare Azzopardi u Rachel Portelli (Merlin Publishers)
*Super Nina* ta' Clare Azzopardi u Rachel Portelli (Merlin Publishers)
*We're the New Superheroes* ta' Sabrina Mulligan (Faraxa Publishing)

### Kategorija: xogħlijiet oriġinali (8–12)

*Jissokta l-każ tal-aħwa Saver u Ludmilla Demolizz* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*Il-vjaġġaturi taż-żmien* ta' Simone Spiteri (Merlin Publishers)
*Il-misteru tal-għoġol tad-deheb* ta' Ruth Frendo (Pro.Motion Limited)

### Kategorija: xogħlijiet oriġinali (13–16)

*Jarmuk* ta' Stephen Lughermo (Horizons Communications Ltd.)
*F'xatt id-destin* ta' Ivan De Battista (Book Distributors Limited)

### Kategorija: xogħlijiet tradotti (0–7)

*Kukkużejt* ta' Rachel Portelli (Merlin Publishers)
*Babù: il-ħuta-buffu* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*Magni taż-żmien* ta' Claudia Gauci (Merlin Publishers)

### Kategorija: xogħlijiet tradotti (8–12)

*Il-kulleġġ għall-prinċpijiet perfetti* ta' Noel Tanti (Merlin Publishers)





# Il-Festival Nazzjonali Tal-Ktieb

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, l-avveniment kulturali annwali li jsir fil-Belt Valletta kull Novembru, jiċċelebra l-meravilja tal-kotba permezz ta' programm wiesa' ta' attivitajiet favur il-familja. Matul dawn l-aħħar snin, il-Festival ikkonsolida r-reputazzjoni tiegħu bħala l-pjattaforma ideali għall-awturi u l-pubblikaturi biex jippreżentaw l-aħħar xogħol tagħhom, billi joffri opportunitajiet estensivi ta' netwerking għal professjonisti fil-qasam tal-kotba. Attwalment, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb għandu rata ta' attendenza ta' 40,000 persuna u l-2018 rat il-parteċipazzjoni ta' 40 eżebitur. Id-dħul huwa b'xejn u miftuħ għall-pubbliku fuq ħamest ijiem, filgħodu u filgħaxijiet, u l-ġurnata kollha matul il-weekend.

Il-programm ta' avvenimenti tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 kien wieħed ippakkjat, b'aktar minn 80 attività, fosthom tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba ta' awturi lokali u internazzjonali, konferenzi, qari ta' poeżiji u letteratura, laqgħat ma' awturi, drammatizzazzjonijiet ta' testi letterarji, konferenzi u seminars, taħditiet u attivitajiet għat-tfal. L-avvenimenti kienu organizzati jew mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jew mill-parteċipanti fil-Festival, li kienu jinkludu pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba u NGOs Maltin u internazzjonali.

Novità għall-edizzjoni ta' din is-sena kienet li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb irdoppja l-ispazju tiegħu. Kien hemm żewġ swali tal-wirjiet - Is-Sala Sagra Infermerija (fil-pjan terran) li ospitat pubblikaturi, NGOs u librerji (kemm lokali kif ukoll barranin), filwaqt li bejjiegħa tal-kotba u ħwienet tal-kotba kienu qed jesibixxu fis-Sala La Vallette (fis-sular t'isfel).

L-iskop tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa li jippromwovi l-qari u l-litteriżmu waqt li jinvolvi lill-viżitaturi f'diskussjonijiet ma' kittieba kemm lokali u internazzjonali u ma' esperti fil-letteratura. L-għan tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa li joffri esperjenza li tiffoka fuq il-kotba u l-qari, u li tħaddan filosofija li tipprovdi tagħlim adattat skont l-età. B'riżultat dirett ta' spazju akbar tal-wirja, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 irdoppja r-rata ta' attendenza ta' studenti li jżuru l-Festival għall-attivitajiet ta' filgħodu meta mqabbla mal-edizzjoni tas-sena l-oħra, u b'hekk il-Festival kiseb popolarità akbar mal-udjenza ta' età żgħira. Fost attivitajiet oħra fil-Festival ta' din is-sena kien hemm qari bil-letteratura Ċeka u dik Slovakka, waqt li ċ-ċerimonja 'Promoturi tal-Qari' ippremjat lit-tfal li eċċellaw fil-qari jew ispiraw lil oħrajn biex jaqraw. Xi ħaġa ġdida waqt din l-edizzjoni tal-Festival kienet il-parteċipazzjoni tal-Iskola Maltija tal-Arti Viżwali u Performattiva, li organizzat spettaklu bbażat fuq *Fittixni* ta' Antoinette Borg, ir-rebbieħ tas-sena l-oħra tal-premju 'Terramaxka'. L-ispettaklu 'Il-Kotba jieħdu l-Ħajja' tad-duo komiku lokali DANUSAN, li bil-mod komiku tagħhom urew l-importanza tal-qari, ġibed udjenza kbira. It-tfal u l-istudenti li attendew ingħataw vawċer ta' 3 ewro biex jonfqu f' kotba mill-istands tal-Festival.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jilqa' nies minn kull qasam, u jservi bħala spazju miftuħ u demokratiku għall-awturi u l-pubblikaturi biex jippromwovu x-xogħol tagħhom. B'parteċipazzjoni dejjem aktar b'saħħitha ta' kittieba nisa matul dawn l-aħħar snin, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb bla dubju jirrifletti bidla sinjifikanti, li tmur lil hinn mix-xena lokali tradizzjonali ddominata minn kittieba maskili. Il-kittieba nisa qegħdin dejjem aktar jagħtu leħen lill-karattri tagħhom u lin-nisa fis-soċjetà Maltija, u qed jikkontribwixxu biex tiġi ffurmata xena lokali intellettwali u letterarja ġdida.

L-aspett internazzjonali tal-Festival kompla jissaħħaħ permezz ta' parteċipanti barranin. Il-qofol tal-Festival kienet il-konferenza tal-ftuħ 'Letteratura fid-Djaspora', li fiha pparteċipaw Lou Drofenik (Malta/Awstralja), Nikola Petković (il-Kroazja), Vera Duarte (Capo Verde) u Philip Ò Ceallaigh (l-Irlanda). Mistednin barranin oħra tal-Festival kienu Tim Parks, awtur Ingliż ta' rumanzi, kittieb ta' saġġi u traduttur, u l-kittieb Brittaniku Michael Amherst. L-aħħar u mhux l-inqas, il-mistiedna speċjali tal-Festival 2018 kienet l-awtriċi magħrufa mad-dinja u attivista soċjali Naomi Klein (il-Kanada), li tkellmet mal-ġurnalist lokali Matthew Vella dwar theddidiet eżistenzjali bħat-tisħin globali, il-politika neoliberalista u l-ekonomija ta' diżastri. Għal dan l-avveniment attendew aktar minn 300 persuna.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iddedika wkoll avveniment lill-ġurnalista u blogger Daphne Caruana Galizia dwar il-wirt li ħalliet sena wara l-qtil tagħha. Poeti u kittieba Maltin ġew iċċelebrati f'aktar minn 20 avveniment, inklużi tnedijiet ta' kotba u sessjonijiet ta' ffirmar ta' kotba. Ċelebritajiet oħra kienu preżenti matul il-Festival, inklużi r-rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tal-2017, Lou Drofenik, u Victor Fenech, ir-rebbieħ tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba 2017. Is-Sur Fenech ġie onorat f'avveniment speċjali b'diskussjoni dwar il-karriera tiegħu u billi ntwera dokumentarju qasir fuqu, koprodott mill-pubblikaturi Horizons u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa pjattaforma li tippermetti lill-membri tal-pubbliku jiltaqgħu u jinteraġixxu mal-awturi li kellhom irwol ċentrali fl-iżvilupp tax-xena letterarja Maltija.



Lista tal-Parteċipanti fil-
## Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018

- AGENDA BOOKSHOP (MILLER)
- AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
- AVC PUBLISHERS
- BARGAIN BOX
- BOOK DISTRIBUTORS LIMITED (BDL BOOKS)
- BIRDLIFE MALTA
- BOOKENDS
- BOOKMARK
- ĊAK
- CENTRAL BANK LIBRARY
- DEER PUBLICATIONS
- EDE BOOKS
- FARAXA PUBLISHING
- FRENCH EMBASSY
- FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA
- GERMAN-MALTESE CIRCLE / DEPARTMENT OF GERMAN - UNIVERSITY OF MALTA
- GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ
- HERITAGE MALTA PUBLISHING
- HORIZONS
- ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA
- KITE GROUP
- LIBRERIJA PRECA
- MALTA LIBRARIES
- MELI BOOKSHOP
- MELLIEĦA LOCAL COUNCIL
- MERLIN LIBRARY
- MERLIN PUBLISHERS
- MGRM
- MIDSEA BOOKS LTD / KLABB KOTBA MALTIN
- MILAN HALUSKA
- MILLER DISTRIBUTORS LTD
- SKS PUBLISHERS
- WAREHOUSE BOOKSALES
- WISE OWL PUBLICATIONS

IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2018

# The London Book Fair 2018

**Għar-raba' darba, twaqqaf stand f'post prominenti b'firxa wiesgħa ta' kotba Melitensia, inklużi kotba tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, flimkien mal-aktar kotba riċenti tal-proża u kotba ta' referenza ta' kwalità ppubblikati minn djar tal-pubblikazzjoni Maltin**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħa sehem f'The London Book Fair, avveniment annwali ta' tlett ijiem li sar f'Olimpia, Kensington, u li fih uħud mill-aktar pubblikaturi, aġenti tal-kotba u negozjaturi tad-drittijiet importanti fid-dinja jiltaqgħu sabiex jittrattaw il-ftehim ta' pubblikazzjonijiet. Għar-raba' darba, twaqqaf stand f'post prominenti b'firxa wiesgħa ta' kotba Melitensia, inklużi kotba tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, flimkien mal-aktar kotba riċenti tal-proża u kotba ta' referenza ta' kwalità ppubblikati minn djar tal-pubblikazzjoni Maltin. Ir-rappreżentanti tal-KNK għamlu laqgħat ma' numru ta' persuni sabiex jiffaċilitaw il-bejgħ tad-drittijiet tat-traduzzjoni għal numru ta' rumanzi, inklużi *What happens in Brussels, stays in Brussels* ta' Ġużè Stagno u *The Confectioner's Daughter* ta' Lou Drofenik.

Flimkien mar-rappreżentanti tal-KNK kien hemm żewġ awturi lokali u poeti - Immanuel Mifsud u Walid Nabhan, li, flimkien mal-Prof. Clare Vassallo u l-eksġurnalista tal-BBC Rosie Goldsmith, ipparteċipaw f'seminar dwar it-traduzzjoni tal-letteratura tal-lingwi minuri, fejn ġew diskussi kunċetti ta' inklużjoni, lokalizzazzjoni u ċensura. L-awturi qraw ukoll il-poeżiji tagħhom fil-*Poetry Pavilion* f'jumejn mill-fiera. Il-*Poetry Pavilion* f'The London Book Fair intuża wkoll biex jippromwovi l-letteratura Maltija. Tliet xkafef kienu stivati b'kotba tal-poeżiji Maltin u kopji ta' *Under a Tangerine Sky*, antoloġija ta' wħud mill-aqwa poeżiji Maltin, ippubblikata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u editjata minn Terence Portelli.

L-awtriċi u traduttriċi Maltija-Norveġiża Kristina Quintano ssieħbet wkoll mar-rappreżentanti tal-KNK sabiex tgħin fin-negozjati ma' numru sostanzjali ta' djar tal-pubblikazzjoni Skandinavi. Quintano hija figura magħrufa fix-xena letterarja Maltija, prinċipalment, imma mhux biss, għax traduċiet *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* ta' Trevor Żahra għan-Norveġiż.

Ir-rappreżentanti tal-KNK iltaqgħu wkoll ma' pubblikaturi Russi, Ukreni, Brittaniċi, kif ukoll minn bosta pajjiżi Għarab biex jippreżentaw xogħlijiet oħra ta' kittieba Maltin li rebħu xi premju jew ieħor, bħal Clare Azzopardi, Alex Vella Gera, Immanuel Mifsud u Walid Nabhan, u dan barra x-xogħlijiet imsemmija hawn fuq.

L-istand tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien jinsab f'pożizzjoni ċentrali fis-sular ta' taħt, flimkien mal-printers lokali Gutenberg Press Limited, li jgħinu fit-twaqqif tal-istand u fi kwistjonijiet ta' loġistika.

Ir-rappreżentanza Maltija f'fieri internazzjonali tal-kotba hija element essenzjali tal-istrateġija adottata mill-KNK fl-isforzi tagħna biex nippromwovu l-letteratura Maltija barra minn Malta. Hija l-intenzjoni tal-KNK li nkomplu nibnu fuq ix-xogħol tagħna f'The London Book Fair biex nagħmlu kuntatti ġodda u nikkonsolidaw dawk ta' qabel sabiex inkunu f'pożizzjoni aħjar biex ninnegozjaw ftehim ta'qligħ għall-awturi u l-pubblikaturi Maltin barra minn xtutna.









# Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus huwa wieħed mill-isforzi kollaborattivi l-aktar importanti mwettqa mill-Kunsill, b'konformità mat-twemmin fil-prinċipju Ewropew ta' xogħol kooperattiv. Ir-reputazzjoni u l-popolarità tiegħu fost l-istudenti tal-università qed tiżdied ma' kull edizzjoni ġdida tal-Festival. Il-Festival, li huwa mmirat għal udjenza matura bħal studenti universitarji u mwaqqaf mill-Għaqda tal-Malti - Università u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, għandu l-għan li jipprovdi pjattaforma għall-pubblikaturi u l-organizzazzjonijiet tal-istudenti biex jippromwovu l-prodotti tagħhom u jikkontribwixxu għall-attivitajiet kulturali. Apparti mill-bejgħ tal-kotba, fil-fatt hemm programm varjat ta' avvenimenti bil-mira li jippromwovi l-letteratura għal skop usa' minn sempliċement negozju tal-bejgħ tal-kotba.

Kull edizzjoni tal-Festival tinkludi mistieden barrani. Jasmin B. Frelih, awtur mis-Slovenja u rebbieħ tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura, kien il-mistieden speċjali tal-edizzjoni tal-Festival tal-2018. Matul it-tlett ijiem tal-Festival, huwa mexxa workshop dwar il-kitba kreattiva u ħa sehem f'attivitajiet, inklużi palk ħieles u żewġ intervisti ma' Immanuel Mifsud, li ħadet il-forma ta' diskussjoni, u ma' Noel Tanti.

Fit-tlett ijiem tal-Festival, il-Librerija tal-Università fetħet il-bibien tagħha għall-istudenti u l-viżitaturi, bi żjarat f'żoni inqas aċċessibbli tal-librerija bħat-taqsima tal-Melitensia. Kienet opportunità unika għall-istudenti u l-istudenti prospettivi biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-iktar għodda importanti ta' riċerka fuq il-kampus.

Il-pubblikaturi u d-distributuri li pparteċipaw fil-festival fl-2018 kienu Faraxa, Horizons, Midsea Books, EDE Books, Pjattaforma u SKS. L-organizzazzjonijiet tal-istudenti taw ukoll il-kontribut tagħhom, b'mod partikolari l-HoASA u d-DESA. Parteċipanti oħra kienu jinkludu l-Librerija tal-Università, id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan G.F. Abela Junior College, Inizjamed u d-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Il-punti ewlenin tal-programm inkludew preżentazzjoni mogħtija mill-artist lokali magħruf Jesmond Vassallo dwar William Blake u t-teknika tal-istampar tiegħu, żewġ lectures mogħtija mill-istudjuż Ġermaniż Moritz







Sommer, u diskussjoni dwar l-adattament taċ-ċinema tal-kapolavur Frankenstein ta' Mary Shelley immexxija mill-Prof. Saviour Catania. L-Għaqda tal-Malti kkontribwiet bil-kordinazzjoni u permezz tad-diskors ta' Prof. Bernard Micallef fuq l-intellettwali tas-seklu sbatax Giovan Francesco Buonamico, id-diskors ta' Michael Zammit dwar il-filosofija bil-Malti u l-preżentazzjoni dwar l-arti tal-legatura tal-kotba ta' Glen Calleja.




**Il-ħames edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li dejjem qed isir aktar popolari, saret mill-21 sat-23 ta' Marzu fil-Kwadranglu tal-Università. Bħal dejjem dan kien xogħol il-kollaborazzjoni bejn il-KNK u l-Għaqda tal-Malti - Università**

# Xogħol Awdjoviżiv

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb żamm il-proġetti awdjoviżivi tiegħu għaddejjin b'mod kontinwu matul is-sena, jiġifieri l-Konkors Letterarju ta' Films Qosra tal-KNK; *Taħt il-Qoxra*, programm tar-radju fuq Radju Malta; *Paġna minn Ktieb*, il-programm ta' ħames minuti imxandar fuq TVM (kif ukoll il-verżjoni l-oħra itwal tiegħu, *Wiċċ imb Wiċċ*); u l-edizzjoni l-ġdida ta' *Xi Qrajt Dan l-Aħħar?*



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb żamm il-proġetti awdjoviżivi tiegħu għaddejjin b'mod kontinwu matul is-sena, jiġifieri l-Konkors Letterarju ta' Films Qosra tal-KNK; *Taħt il-Qoxra*, programm tar-radju fuq Radju Malta; *Paġna minn Ktieb*, il-programm ta' ħames minuti imxandar fuq TVM (kif ukoll il-verżjoni l-oħra itwal tiegħu, *Wiċċ imb Wiċċ*); u l-edizzjoni l-ġdida ta' *Xi Qrajt Dan l-Aħħar?*

Il-Konkors Letterarju ta' Films Qosra tal-KNK kien suċċess kbir u l-films rebbieħa kollha pparteċipaw f'festivals barra minn Malta. Il-proposta magħżula tirċievi €20,000 f'fondi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li jinkludu spejjeż ta' loġistika, dawl u elettriku. Il-KNK jalloka wkoll għotja ta' €1,000 lill-awtur tal-istorja oriġinali bħala kumpens għall-użu tal-istorja. Il-ġurija għall-edizzjoni tal-2018, li kienu parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni, kienu Andrei Vella Laurenti, Charles Calleja u Mario Cassar. Matul il-perjodu tal-produzzjoni, it-tim żamm kuntatt mal-bord tal-aġġudikazzjoni biex jiżgura li l-proġett kien qed jiżviluppa skont il-linji stabbiliti mill-proposta, il-kriterji u r-regoli tal-applikazzjoni. Ir-rebbieħ tal-edizzjoni tal-Konkors tal-2017 kien *Camilla*, proġett ippreżentat minn Martin Bonnici u l-kumpanija tiegħu Shadeena. *Camilla* huwa adattament fuq l-iskrin ta' novella bl-istess isem ta' Clare Azzopardi, mill-ġabra tagħha ta' novelli *Kulħadd ħalla isem warajh* (Merlin Publishers, 2014). Bħas-soltu, il-proġett rebbieħ intwera matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb f'Novembru waqt avveniment ta' suċċess li kien jinkludi diskussjoni mal-imħuħ wara l-film u mal-awtriċi.

Fl-2018 il-KNK żamm il-kollaborazzjoni tiegħu mal-PBS fuq il-programm tar-radju *Taħt il-Qoxra*, ippreżentat minn Rachelle Deguara, li fih l-awturi jiġu intervistati dwar ix-xogħol tagħhom u jiffaċċjaw mistoqsijiet ta' rilevanza soċjali, politika u estetika; u fuq is-serje tat-televiżjoni *Paġna Minn Ktieb*, programm televiżiv ippreżentat minn Antonella Axisa li xxandar kull ġimgħa sal-aħħar ta' Settembru u li fih il-preżentatriċi taqra siltiet minn xogħlijiet ta' awturi lokali. *Wiċċ imb Wiċċ*, verżjoni itwal tal-istess programm, u li fih intervista mal-awturi, ġie ppubblikat fuq il-midja soċjali tal-Kunsill, u ħoloq ħafna interess fost l-awturi u t-telespettaturi. F'Awwissu, il-PBS xandar ukoll l-edizzjoni l-ġdida ta' *Xi Qrajt Dan l-Aħħar?*, għaxar minuti kuljum fuq TVM2 u fuq Facebook li dam sal-aħħar ta' Diċembru. Dan l-istaġun kellu ambitu usa', b'mistednin mid-dinja tal-mużika, kura tas-saħħa, tagħlim, saħħa u benesseri, filosofija, avventura u mediċina.

Fl-2019 il-KNK se jkun qed jesplora l-possibbiltà li jadatta xogħlijiet letterarji Maltin f'film, sabiex jikkoordina l-isforzi ma' kumpaniji u awturi lokali awdjoviżivi. Il-pjan huwa li nkomplu nipproduċu xogħol awdjoviżiv biex nippromwovu lill-awturi għax-xandir kummerċjali u pubbliku.





# Konkors ta’ Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ

**Il-Konkors ta’ Letteratura għaż-Żgħażagħ jaspira li jimmotiva lill-kittieba, kemm stabbiliti kif ukoll emerġenti, biex joħolqu letteratura ta’ kwalità għall-qarrejja adolexxenti**

Il-Konkors ta’ Letteratura għaż-Żgħażagħ huwa organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ f’kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. L-għan ewlieni tal-konkors huwa li jħeġġeġ żieda fil-letteratura ta’ kwalità għaż-żgħażagħ fis-suq lokali. Il-konkors jista’ jgħin ukoll biex jgħolli l-profil ta’ awturi fix-xena letterarja lokali. Fost ir-rebbieħa preċedenti tal-konkors insibu awturi lokali magħrufa bħal Leanne Ellul, Rita Saliba, Roberta Bajada, Stephen Lughermo, Simon Bartolo, Antoinette Borg u Matthew Schembri.

L-awtriċi Josianne Block rebħet l-edizzjoni tal-2018. Fiċ-ċerimonja tal-għoti ta’ premjijiet li saret fl-uffiċċji tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f’Belt is-Sebħ, il-Furjana, is-Sinjorina Block ingħatat trofew, ċertifikat u premju finanzjarju ta’ 1,000 ewro għall-manuskritt rebbieħ tagħha, bit-titlu *360 degrees*.

L-awturi rebbieħa tal-Konkors Letterarju jingħataw ukoll għotja finanzjarja għall-pubblikazzjoni u huma mistennija li jfittxu u jiżguraw ftehim ta’ pubblikazzjoni għall-manuskritt tagħhom ma’ pubblikatur lokali bl-inqas għajnuna possibbli mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan il-proċess iservi bħala esperjenza ta’ tagħlim għal rebbieħa li qatt ma ppubblikaw qabel, u opportunità biex jitgħallmu kif javviċinaw lill-pubblikaturi u jifhmu l-proċedura tal-kuntratti ta’ pubblikazzjoni.

Il-Konkors ta’ Letteratura għaż-Żgħażagħ jaspira li jimmotiva lill-kittieba, kemm stabbiliti kif ukoll emerġenti, biex joħolqu letteratura ta’ kwalità għall-qarrejja adolexxenti. Għandu wkoll l-għan li jespandi l-qarrejja ta’ kotba lokali ta’ dan il-ġeneru permezz tal-promozzjoni u l-interess li l-konkors jiġġenera fost qarrejja adolexxenti.

Is-sottomissjonijiet għall-Konkors huma mistennija li jesploraw temi relatati mas-sitwazzjonijiet varji li jaffaċċjaw iż-żgħażagħ f’dak il-perjodu ta’ ħajjithom, b’mod mhux didattiku jew moralistiku. Mhuwiex neċessarju li l-kittieba nfushom ikollhom l-istess età tal-età fil-mira tal-qarrejja. Infatti l-konkors huwa miftuħ għal dawk li għandhom 20 sena jew aktar. Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni huma ddeterminati minn dak li hu mistenni f’letteratura bħal din, jiġifieri temi rilevanti għal din l-età, evidenza ta’ kuxjenza soċjali, reġistru adattat u djalogu konvinċenti.




















# Vjaġġi ta' Xogħol u Xogħol Internazzjonali

**Ir-rappreżentanti tal-KNK isiefru bosta drabi tul is-sena sabiex jaraw kif jistgħu jesportaw il-letteratura u l-kotba Maltin, u anki biex jagħmlu xogħol istituzzjonali ieħor**

Fi Frar, il-Kap Eżekuttiv u l-Maniġer, akkumpanjati minn Immanuel Mifsud u Walid Nabhan, żaru l-Fiera tal-Ktieb tal-Kajr għat-tnedija ta' żewġ kotba Maltin minn pubblikaturi Għarab ewlenin. Il-kotba huma t-traduzzjonijiet bl-Għarbi ta' *Jutta Heim* ta' Immanuel Mifsud, rebbieħ tal-premju prestiġjuż fis-sezzjoni rumanzi tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, u *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan, li fl-2017 ingħata l-Premju Ewropew għall-Letteratura. *Jutta Heim* ġie ppubblikat bl-Għarbi mill-pubblikaturi Eġizzjani Masr El Arabia. Il-pubblikaturi Libaniżi magħrufa *Arab Scientific Publishers* (ASP) ipproduċew it-traduzzjoni Għarbija ta' *L-Eżodu taċ-Ċikonji*.

Il-Kap Eżekuttiv għamel vjaġġi fil-Fiera tal-Kotba ta' Frankfurt u *Salone del Libro* f'Turin biex iwettaq xogħol internazzjonali u jippromwovi letteratura Maltija ma' pubblikaturi barranin.

F'April, bħas-soltu, il-Kunsill żar il-Fiera tal-Kota f'Londra.

Il-Maniġer żar il-Fiera tal-Ktieb ta' Abu Dhabi f'April u l-Fiera tal-Ktieb ta' Sharjah f'Ottubru biex jippromwovi l-letteratura Maltija u jiddiskuti u jagħmel ftehim mal-pubblikaturi.

Rowna Baldacchino vvjaġġat Madrid biex taqra poeżiji ta' Mario Azzopardi minn *An Asylum for Mystics* waqt avveniment organizzat mill-ħanut tal-kotba *Desperate Literature*.

Il-KNK iffinanzja wkoll vjaġġ lil Immanuel Mifsud u Clare Azzopardi biex ipparteċipaw fil-Festival ta' Vilenica fl-Islovenja f'Settembru.











# Inizjattivi Oħra

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta' Malta ospita l-Laqgħat Annwali Ġenerali Internazzjonali tal-ISBN u l-ISMN tal-2018. L-avveniment kien wieħed ta' suċċess kbir u serva bħala mezz eċċellenti li kkontribwixxa biex pajjiżna jitpoġġa fuq il-mappa internazzjonali tal-industrija tal-kotba. L-avveniment kien jikkonsisti minn numru ta' laqgħat ta' suċċess fejn ipparteċipaw numru ta' delegati minn madwar id-dinja kollha, li qasmu l-għarfien professjonali tagħhom. Fil-jum ta' qabel il-laqgħat, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'kollaborazzjoni mal-*Oxford International Centre for Publishing Studies and Logos* ospita wkoll konferenza miftuħa ma' numru ta' kelliema dwar is-suġġett tal-ISBN intitolat: 'Breaking barriers – Contemporary use, models and allocation of ISBN across the world'.

Minbarra l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, inbeda il-Festival tal-Ktieb għat-Tfal f'Bormla - proġett kollaborattiv ġdid mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Lokali ta' Bormla. Il-festival ta' ġurnata sar fid-29 ta' April fix-Xatt ta' Bormla u ġie ddedikat lit-tfal u l-kotba tat-tfal. Total ta' ħames pubblikaturi kienu qed jeżibixxu l-kotba tagħhom u ġie mħejji programm kulturali b'attivitajiet ta' qari u divertiment f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, u avvenimenti ta' ffirmar tal-kotba mal-awturi.

It-tieni edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb tas-Sajf saret f'Ġunju f'Għawdex fis-Sala tal-Eżibizzjonijet fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat. Iż-żewġ ġranet sħaħ ta' attivitajiet għall-pubbliku mħejjija bħala parti mill-festival inkludew sessjoni tal-palk ħieles, qari ta' xogħlijiet lokali ta' letteratura, attivitajiet ta' litteriżmu u ta' letteratura, u żjara ggwidata fir-Rabat fid-djar ta' poeti Għawdxin. Id-diversi attivitajiet tmexxew b'kollaborazzjoni mal-pubblikaturi Horizons, Faraxa u Pjattaforma, l-NGO lokali Inizjamed, u numru ta' kittieba u artisti Maltin u Għawdxin.

